MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 498/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' Ottubru, 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 498/06**

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Antonia Klein gja Folie ID 551164M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Mejju 2006 fejn wara illi gie premess illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' (Lm195.83) mija u hamsa u disghin Lira Maltin tlieta u tmenin centezmu, ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2152 2250 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A u B u illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti – it-Tribunal intalab jikkundanna lill-istess konvenuta thallas l-ammont indikat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata` ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

It-Tribunal :

Ra illi fis-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2006, il-konvenuta Antonia Klein stqarret "*nammetti illi ghandi nhallas s-somma mitluba. Pero` nixtieq naghmel arrangament mas-socjeta` attrici biex inkun nista` nhallas dan l-ammont bin-nifs. Jiena lesta nhallas is-somma ta' hames Liri Maltin (Lm5) fix-xahar* ";

Ikkunsidra illi l-Avukat Keith Grech ghas-socjeta` attrici ddikjara fl-istess seduta ta' l-14 ta' Lulju 2006 u talab lit-Tribunal illi l-offerta maghmula mill-konvenuta tigi integrata fis-sentenza.

Illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita`, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u disghin Liri

Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm195.83), b'rati mensili ta' hames Liri Maltin (Lm5) mill-1 ta' Novembru 2006 u jibqghu jithallsu kull l-ewwel gurnata ta' kull xahar konsekuttiv.

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------